KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT
ippreżentati fit-18 ta' Marzu 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. Il-proċedura tal-appell f'dan il-każ tipprovdi mod biex tkun eżaminata kwistjoni ta' termini fil-kuntest tal-allokazzjonijiet finanzjarji definittivi għall-Istati Membri għar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni mill-ġdid tal-għelieqi tad-dwieli.

2. Il-proċedura preżenti nibet minn kontroversja bejn ir-Repubblika Ellenika (iktar 'il quddiem: ir-"rikorrenti") u l-Kummissjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni") dwar is-sens tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 1227/2000. Il-kwistjoni essenzjalment hija dwar jekk il-Kummissjoni kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, fid-deċiżjoni tagħha fuq l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-bażit tal-2006, l-informazzjoni li r-Repubblika Ellenika bagħtet biss wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit mid-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq.

3. Permezz tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata")[2], il-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-"Qorti Ġenerali") ċaħdet bħala infondat ir-rikors, li permezz tiegħu r-Repubblika Ellenika kienet talbet l-annullament jew l-modifika tad-Deċiżjoni 2006/669/KE[3] li tistabbilixxi l-allokazzjonijiet finanzjarji definittivi għall-Istati Membri, bl-argument li, f'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-informazzjoni nnotifikata sussegwentement mir-Repubblika Ellenika.

4. Fl-appell tagħha, riċevut mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Frar 2009, ir-Repubblika Ellenika qed titlob l-annullament tas-sentenza appellata u qed tkompli ssostni t-talbiet tar-rikors inizjali tagħha.

II — Il-kuntest ġuridiku

5. Il-Qorti Ġenerali spjegat, fil-punti 1 sa 5 tas-sentenza appellata, il-kuntest ġuridiku li ġej:

"1 Ir-regoli dwar ir-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni tal-oqsma tad-dwieli

1 — 1Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Sentenza Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-339/06, Ġabra p. II-3525).

3 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-4 ta' Ottubru 2006, li tistabbilixxi l-allokazzjonijiet finanzjarji definittivi għas-sena finanzjarja 2006, lill-Istati Membri għal ċertu numru ta' ettari, għar-ristrutturar u konverżjoni mill-ġdid tad-dwieli, fl-ambitu tar-Regolament Nru 1493/1999 (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata").

huma stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 26, p. 25) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000, tal-31 ta' Mejju 2000, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 f'dak li jirrigwarda l-potenzjal tal-produzzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 29, p. 116), kif emendat.

2. L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1493/1999 jiddisponi:

'1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel allokazzjonijiet inizjali lejn l-Istati Membri kull sena fuq il-bażi ta' kriterji objettivi li jieħdu in konsiderazzjoni sitwazzjonijiet u bżonnijiet partikolari, u l-ħidma li trid issir fid-dawl ta' l-iskop ta' l-iskema.

2. Allokazzjonijiet inizjali għandhom jiġu addattati in vista ta' l-infieq reali u fuq il-bażi tal-previżjonijiet ta' l-infieq riveduti ppreżentati mill-Istati Membri wara li jittieħed akkont ta' l-iskop ta' l-iskema u soġġetti għall-fondi disponibbli.

[…]'

3. L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1227/2000 ġie emendat b'mod partikolari permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1841/2003, tas-17 ta' Ottubru 2003, li jemenda r-Regolament Nru 1227/2000 (ĠU L 268, p. 58). B'hekk, b'mod konformi mal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1227/2000 fil-verżjoni tiegħu applikabbli għas-sena finanzjarja 2006:

'1. Sa mhux aktar tard mill-10 ta' Lulju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, f'rabta mar-ristrutturazzjoni u s-sistema tal-konverżjoni:

a) dikjarazzjoni tan-nefqa li tkun saret fil-fatt sat-30 ta' Ġunju tas-sena finanzjarja kurrenti u ż-żona totali kkonċe[r]nata;

b) dikjarazzjoni tan-nefqa vvalidata sat-30 ta' Ġunju tas-sena finanzjarja kurrenti u ż-żona totali kkonċernata;

[…]

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali stabbiliti għal dixxiplina li għandha x'taqsam mal-budget, meta it-tagħrif li l-Istati Membri huma meħtieġa li jgħaddu lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 1 ikun inkomplet jew l-iskadenza ma tkunx intlaħqet, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-għotjiet fid-dħul tal-kontijiet ta' l-ispejjeż agrikoli fuq bażi temporanja u b'rata fissa.'

4. L-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1227/2000 ġie emendat b'mod partikolari permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 315/2003, tad-19 ta' Frar 2003 (ĠU L 46, p. 9), u permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1203/2003, tal-4 ta' Lulju 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 38, p. 224). B'dan il-mod, b'mod konformi mal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1227/2000 fil-verżjoni tiegħu applikabbli għas-sena finanzjarja 2006:

'1. Għal kull Stat Membru, spejjeż li attwalment intefqu, ivvaliditati u ddikjarati għal kwalunkwe sena finanzjarja partikolari għandhom jiġu ffinanzjati ġol-limiti ta' l-ammonti nnotifikati lill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 16(1)(a) u (b), previst li dawk l-ammonti mhumiex fit-total iżjed mill-ammont finanzjarju allokat lill-Istat Membru skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament […] Nru 1493/1999.

[…]

3. Talbiet magħmula mill-Istati Membri skond l-Artikolu 16(1)(c) għandhom jiġu aċċettati fuq bażi ta' kull wieħed skond sehmu, billi jintużaw l-ammonti disponibbli wara li jitnaqqas, għall-Istati Membri kollha, it-total ta' l-ammonti notifikati skond l-Artikolu 16(1)(a) u l-ammonti ddikjarati skond l-Artikolu 16(1)(b) mill-ammont totali allokat lill-Istati Membri skond l-Artikolu 14 tar-Regolament […] Nru 1493/1999. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri malajr kemm jista' jkun wara t-30 ta' Ġunju bil-punt sa fejn it-talba tista' tintlaqa'.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, fejn il-medda totali notifikata skond l-Artikolu 16(1)(a) hija inqas min-numru ta' ettari indikati fl-allokazzjoni għas-sena finanzjarja magħmula lill-Istat Membru skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament […] Nru 1493/1999, f'dak il-każ infiq iddikjarat għas-sena finanzjarja inkwistjoni għandu jkun iffinanzjat biss sa limitu ugwali għal-medda totali nnotifikata mmultiplikata bl-ammont medju ta' għajnuna għal kull ettaru; din il-figura hija kkalkulata bħala proporzjon bejn l-ammont allokat lill-Istat Membru skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u n-numru ta' ettari antiċipat.

Dan l-ammont ma jistax f'kull każ ikun akbar mill-infiq dikjarat skond l-Artikolu 16(1)(a).

Għall-għan li jiġi implimentat dan il-paragrafu, tolleranza ta' 5 % għandha tkun applikata lill-medda totali notifikata kif imqabbla ma' dik li tidher fl-allokazzjoni għas-sena finanzjarja.

Ammonti mhux iffinanzjati taħt dan il-paragrafu m'għandhomx ikunu mqegħdin għad-dispożizzjoni għall-iskop ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 3.

[…]

8. Referenzi għal xi sena finanzjarja għandhom jirreferu għal ħlasijiet fil-fatt magħmula mill-Istati Membri bejn is-16 ta'Ottubru u l-15 t'Ottubru ta' wara.

[…]'

5. L-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikolu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 414) jiddisponi li:

'Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-avvanzi ta' kull xahar fuq il-provvediment għan-nefqa effettwata mill-aġenziji akkreditati tal-ħlas.

In-nefqa għal Ottubru għandha tiġi attribwita għal Ottubru jekk tkun effettwata mill-1 sal-15 ta' Ottubru u għal Novembru jekk tkun effettwata mis-16 tal-31 ta' Ottubru. L-avvanzi għandhom jiġu mħallsa lill-Istat Membru mhux aktar tard mit-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar ta' wara dak li fih tiġi effettwata n-nefqa.

'[…]"

III — Il-fatti u s-sentenza appellata

6. Il-Qorti Ġenerali ddeskriviet il-fatti li wasslu għall-kontroversja u s-sentenza appellata fil-punti 6 sa 14 tas-sentenza tagħha kif ġej:

"6 Għas-sena finanzjarja 2006 (16 ta' Ottubru 2005 – 15 Ottubru 2006), it-tqassim indikattiv tal-fondi allokati skont ir-Regolament Nru 1493/1999 għar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni tal-oqsma tad-dwieli ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/716/KE, tal-10 ta' Ottubru 2005, li tistabbilixxi allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-Istati Membri, għal numru speċifiku ta' ettari, għar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni tal-oqsma tad-dwieli skont ir-Regolament Nru 1493/1999, għas-sena tas-suq 2005/2006 (ĠU L 271, p. 45). Fl-anness tal-imsemmija deċiżjoni, l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja indikattiva lir-Repubblika Ellenika ġie stabbilit għal EUR 8 574 504 għal medda ta' 1 249 ettaru.

7 Fl-10 ta' Lulju 2006, b'applikazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1493/1999 u tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1227/2000, l-awtoritajiet Griegi għaddew lill-Kummissjoni dikjarazzjoni tan-nefqa marbutin mar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni tal-oqsma tad-dwieli fil-Greċja matul is-sena finanzjarja 2006 sabiex jinkisbu allokazzjonijiet finanzjarji. Skont din

il-komunikazzjoni, it-total tan-nefqa msemmija kien ta' EUR 6 829 204.46 u l-medda korrispondenti kienet ta' 788.002 ettaru.

8 Fit-22 ta' Settembru 2006, l-awtoritajiet Griegi bagħtu ittra lill-Kummissjoni sabiex jgħarrfuha bi żball fil-ġbir tat-tagħrif informatiku, peress li l-medda li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni kienet ta' 1 102,271 ettaru. Huma spjegaw li din il-medda kienet tikkorrispondi għassomma tal-medda totali indikata fit-tabella annessa mal-ittra tal-10 ta' Lulju 2006 u li tirriproduċi n-nefqa ta' ristrutturazzjoni u ta' konverżjoni taloqsma tad-dwieli fil-Greċja li fil-fatt intefqu fit-30 ta' Ġunju 2006, jiġifieri ta' 1 085,391 ettaru, u tal-medda totali indikata fit-tabella annessa mal-ittra tal-10 ta' Lulju 2006 u li tirriproduċi l-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni u ta' konverżjoni talgħelieqi tad-diewli fil-Greċja vvalidati fit-30 ta' Ġunju 2006, jiġifieri ta' 16.88 ettaru. Huma fakkru wkoll li n-nefqa totali kienet tammonta għal EUR 6 829 204,46.

9 Fis-26 ta' Settembru 2006, matul it-890 laqgħa tal-kumitat għall-ġestjoni talinbejjed, l-awtoritajiet Griegi rripetew it-talba tagħhom lill-Kummissjoni sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni rettifikata. Il-Kummissjoni ċaħdet oralment it-talba tal-awtoritajiet Griegi, filwaqt li indikat li l-elementi rettifikati ġew ippreżentati tard.

10 Fl-4 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2006/669/KE li tiffissa għas-sena finanzjarja 2006 allokazzjonijiet finanzjarji definittivi lill-Istati Membri, għal numru speċifiku ta' ettari, għar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni mil-ġdid ta' oqsma taddwieli skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 (ĠU L 275, p. 62) (iktar 'il quddiem id-'deċiżjoni kkontestata'). F'din l-istess data, rappreżentant tal-Kummisjoni ltaqa' ma' rappreżentanti tal-awtoritajiet Griegi u spjegalhom li kien impossibbli, fid-dawl tat-termini, li tintlaqa' t-talba tagħhom sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni t-tagħrif rettifikat kkomunikat fit-22 ta' Settembru 2006

11 Fis-16 ta' Ottubru 2006, l-awtoritajiet Griegi bagħtu ittra lill-Kummissjoni fejn talbuha sabiex jiġi emendat l-anness taddeċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

12 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni, fir-rigward tar-Repubblika Ellenika, ittagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Griegi fl-10 ta' Lulju 2006.

13 Fil-premessa 6 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa indikat li l-Kummissjoni applikat għar-Repubblika Ellenika l-piena prevista fl-Artikolu 17(4) tar-Regolament Nru 1227/2000, għal ammont ta' EUR 1 129 015.

14 Fl-anness tad-deċiżjoni kkontestata, l-ammont tal-allokazzjoni finanzjarja definittiva lir-Repubblika Ellenika għarristrutturazzjoni u l-konverżjoni taloqsma tad-dwieli fil-Greċja ġie stabbilit għal EUR 5 700 190 għal medda ta' 788 ettaru."

IV — Proċedura fl-ewwel istanza u t-talbiet fl-appell

7. Ir-Repubblika Ellenika kienet ressqet rikors quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni kkontestata, ippreżentat fir-Reġistru tagħha fit-30 ta' Novembru 2006. Insostenn tal-appell kienu tressqu ħames motivi. L-ewwel wieħed kien li t-terminu msemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 kien biss indikattiv u li, għalhekk, għandha tkun meqjusa wkoll l-informazzjoni ppreżentata wara l-iskadenza tat-terminu. It-tieni kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, it-tielet fuq ksur tal-prinċipji ta' *bona fede* u amministrazzjoni tajba, ir-raba' fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, fil-ħames lok, il-ksur tal-prinċipju tal-effett utli.

8. Permezz tas-sentenza appellata, mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2008, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni appellata. Konsegwentement ċaħdet ir-rikors tar-Repubblika Ellenika u kkundannat lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż.

9. Il-Greċja ppreżentat dan l-appell kontra din is-sentenza billi titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara l-appell ammissibbli;

— tannulla s-sentenza appellata;

— tilqa' t-talbiet tar-rikors;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż kemm tal-appell kif ukoll tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

10. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, titlob li:

— ir-rikors jiġi ddikjarat bħala inammissibbli u infondat;

— ir-Repubblika Ellenika tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

11. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja saret il-proċedura bil-miktub. Ebda parti ma talbet li ssir proċedura orali.

V — Evalwazzjoni ġuridika

Fil-fatt, tali appell fil-verità jikkostitwixxi talba intiża sabiex tinkiseb sempliċi reviżjoni tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, li, skont l-Artikolu 49 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma taqax taħt il-kompetenza tagħha [5].

A — *Fuq l-ammissibbiltà tal-appell*

12. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-appell huwa inammissibbli peress li r-rikorrenti fl-appell tirrepeti biss l-argumenti li diġà tqajmu fl-ewwel istanza.

15. Wieħed għandu madankollu jagħmel distinzjoni bejn tali appell u appell li espressament jikkontesta s-sentenza tal-Qorti Ġenerali u l-kunsiderazzjonijiet legali tagħha u, f'dan il-kuntest, li jinkorporaw l-argumenti diġà ppreżentati kontra d-deċiżjoni kkontestata.

13. F'dan ir-rigward, madankollu, il-Kummissjoni tinjora l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ammissibbiltà tal-appelli.

16. Huwa ovvjament possibbli li jitqajmu mill-ġdid fil-proċedura tal-appell punti ta' dritt eżaminati fl-ewwel istanza, meta l-appellant jikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju magħmula mill-Qorti Ġenerali [6]. Huwa preċiżament ir-rwol ċentrali tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala qorti tal-appell, li ssolvi b'mod definittiv dawn il-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni.

14. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jinstabu fl-Artikolu 51 tal-Istatut KE tal-Qorti tal-Ġustizzja u taħt l-ittra (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 112(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja [4], appell li jillimita ruħu sabiex jirrepeti jew jirriproduċi testwalment l-aggravji u l-argumenti li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk li kienu bbażati fuq fatti espressament miċħuda minn din il-qorti.

17. Permezz ta' dan l-appell qed tiġi kkontestata l-pożizzjoni meħuda mill-Qorti Ġenerali fuq diversi punti ta' dritt imqajma quddiemha fl-ewwel istanza. L-appell jindika b'mod preċiż l-aspetti kkontestati tas-sentenza appellata kif ukoll l-aggravji u l-argumenti li fuqhom huwa msejjes.

4 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, ARAP *et* vs Il-Kummissjoni (C-321/99 P, Ġabra 2002 p. I-4287, punt 48); tat-22 ta' Jannar 2004, Mattila vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, (C-353/01 P, Ġabra p. I-1073, punt 27); u tad-29 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, (C-496/99 P, Ġabra p. I-3801, punt 50).

5 — Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Marzu 1998, FFSA *et* vs Il-Kummissjoni (C-174/97P, Ġabra p. I-1303, punt 24).

6 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 2000, Salzgitter vs Il-Kummissjoni, (C-210/98 P, Ġabra p. I-5843, punt 43).

18. L-appell huwa għalhekk ammissibbli.

purament indikattiva. Skont ir-rikorrenti fl-appell, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni ppreżentata wara l-iskadenza tal-perijodu. Billi segwiet il-pożizzjoni legali tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li dan huwa terminu perentorju. Bis-saħħa tal-ewwel aggravju, ir-Repubblika Ellenika tikkontesta din it-teżi.

B — *Fuq il-mertu tal-appell*

19. Ir-Repubblika Ellenika ssostni, insostenn tal-appell tagħha, tliet aggravji. Minn naħa, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali kienet ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 16(1) u (2), u tal-Artikolu 17(1), tar-Regolament Nru 1227/2000. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni fis-sentenza tagħha t-tifsira ta' diversi prinċipji tal-liġi. Fl-aħħar nett, is-sentenza appellata tippreżenta motivazzjoni kontradittorja.

21. Issa, kemm il-kliem tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000, kif ukoll it-tqegħid tagħhom fl-istruttura tar-regolament kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet teleoloġiċi dwar is-sens u l-għan tal-iffissar tat-terminu fid-dawl tal-kuntest ġuridiku tiegħu jikkonfermaw, madankollu, il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tat-terminu msemmi fl-Artikolu 16(1), tar-Regolament Nru 1227/2000 dan huwa terminu perentorju u li jiskadi.

a) Il-kliem

1. Fuq l-ewwel aggravju tal-appell

22. Għalhekk wieħed għandu jaqbel mal-Qorti Ġenerali li l-kliem tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 ifissru li t-terminu previst fih huwa wieħed ta' natura perentorja.

20. Ir-Repubblika Ellenika ssostni li, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000, il-perijodu annwali li jiskadi fl-10 ta' Lulju għandu, kuntrarjament għal dak li qalet il-Qorti Ġenerali, natura

23. Fi kważi l-verżjonijiet lingwistiċi kollha, il-kliem tal-Artikolu 16(1), jipprovdu li l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni "sa mhux aktar tard" mill-10 ta' Lulju ta' kull sena, l-informazzjoni

indikata fl-istess artikolu. Dan juri n-natura perentorja ta' dan it-terminu fis-sens ta' terminu ta' dekadenza, speċjalment peress li, sabiex wieħed jassumi terminu ta' dekadenza, ma hemmx bżonn li espliċitament tintuża l-frażi "terminu li ma jistax jiġi estiż" [7]. Jekk att irid isir mhux aktar tard mill-10 ta' Lulju ta' kull sena, dan ikun diġà tardiv u għaldaqstant mhux possibbli l-jum ta' wara.

24. Għalkemm fi tliet verżjonijiet lingwistiċi (speċifikament fil-Griega, fil-Portugiża u fir-Rumena) insibu li l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-informazzjoni lill-Kummissjoni "sal-"10 ta' Lulju ta' kull sena, dawn il-verżjonijiet ma jagħtux tisira differenti mill-verżjonijiet lingwistiċi oħra lill-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000.

b) Interpretazzjoni sistematika

25. Il-Gvern Grieg isostni li n-natura purament indikattiva tat-terminu speċifikat fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 toħroġ minn interpretazzjoni sistematika ta' din id-dispożizzjoni. Jirriżulta mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, li l-informazzjoni li waslet anki wara l-iskadenza indikata fl-Artikolu 16(1), għandha tkun meqjusa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-iffissar definittiv tal-allokazzjonijiet finanzjarji.

26. Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, "meta it-tagħrif li l-Istati Membri huma meħtieġa li jgħaddu lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 1 ikun inkomplet jew l-iskadenza ma tkunx intlaħqet, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-għotjiet fid-dħul tal-kontijiet ta' l-ispejjeż agrikoli fuq bażi temporanja u b'rata fissa".

27. Ir-Repubblika Ellenika tieħu bħala punt tat-tluq tal-argument tagħha, il-kliem tal-Artikolu 16(2), li jipprovdi għal tnaqqis temporanju fl-għajnuna bħala sanzjoni għal informazzjoni mhux kompluta jew mhux f'waqtha. Neċessarjament dan jimplika t-tneħħija sussegwenti tas-sanzjonijiet insegwitu ta' informazzjoni kompluta jew ipprovduta għall-ewwel darba biss wara l-iskadenza tat-terminu. Fl-aħħarnett, wieħed jista' biss jitkellem dwar sanzjoni temporanja jekk, sussegwentement, tista' titneħħa minħabba dikjarazzjoni tardiva fis-sens tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000.

7 — Il-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward irreferiet għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 1972, Wasaknäcke, (32/72, Ġabra p. 1181, punt 2) u tat-13 ta Diċembru 1972, Walzenmühle Magstadt, (52/72 Ġabra p. 1267, punt 2).

28. F'parti oħra tal-argumenti tagħha, ir-Repubblika Ellenika tuża argument *a fortiori*. Il-Kummissjoni, fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, kienet, fil-fatt, irreferiet għall-fatt li l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, fid-dawl tal-kliem tiegħu, fih regola li tapplika esklużivament fil-każ ta' nuqqas ta' dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni mhux kompluta, iżda mhux għal dik inkwistjoni, jiġifieri, dikjarazzjoni li tidher kompluta iżda tkun żbaljata.

29. Skont ir-Repubblika Ellenika, anki fil-każ inkwistjoni ta' dikjarazzjoni żbaljata iżda magħmula fil-ħin, jirriżulta mill-Artikolu 16(2), li hemm possibbiltà ta' dikjarazzjoni (rettifikata) sussegwenti wara l-iskadenza tat-terminu. Għalhekk, Stat li jkun wettaq l-obbligu tiegħu ta' dikjarazzjoni ta' informazzjoni skont l-Artikolu 16(1), b'osservanza tal-limitu tat-terminu speċifikat fih u li madankollu wettaq żball wieħed biss, ma għandux jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli minn Stat li ma jkunx osserva mill-bidu t-terminu speċifikat fl-Artikolu 16(1). L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000 joffri lit-tnejn li huma l-possibilità ta' dikjarazzjoni sussegwenti, li għandha mbagħad tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni fil-kuntest allokazzjoni finanzjarja definittiva.

30. Dan l-argument tar-Repubblika Ellenika, ċentrali għall-ewwel aggravju tal-appell tagħha, madankollu, ma jistax jiġi aċċettat.

31. *Prima facie*, l-argument tar-Repubblika Ellenika, tabilħaqq, jidher pjuttost konvinċenti. Sa fejn, fid-dispożizzjoni leġiżlattiva, in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu qed jintlaqat bil-penali "fuq bażi temporanja", wieħed jista' jassumi li għaldaqstant hija impliċita l-possibbiltà ta' preżentazzjoni sussegwenti tal-att esklużiv. Jekk id-dokument ma setax jiġi ppreżentat iktar tard u jkun ikkunsidrat fid-deċiżjoni li jmiss, diffiċilment wieħed jista' jikkunsidra sanzjoni li hija biss temporanja.

32. Analiżi dettaljata tal-formulazzjoni tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, turi, minflok li l-fraži tnaqqis "fuq bażi temporanja" ma tistax twassal għall-konklużjoni li, fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kkontestata f'dan il-każ, id-dikjarazzjoni sussegwenti tar-Repubblika Ellenika kellha tittieħed inkunsiderazzjoni.

33. Fil-fatt l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, jipprovdi, fil-każ ta' dikjarazzjoni fis-sens tal-Artikolu 16(1) mhux f'waqtha jew mhux kompleta, tnaqqis fuq bażi temporanja tal-"għotjiet [avvanzi] fid-dħul tal-kontijiet ta' l-ispejjeż agrikoli [...] b'rata fissa".

34. L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, jirreferi għall-proċedura għall-ħlas ta' riżorsi finanzjarji prevista

fil-kuntest tal-politika agrikola komuni. Skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1258/1999, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-Istati Membri r-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex ikopru l-ispejjeż permezz ta' avvanzi fuq il-provvediment għan-nefqa effettwata fiż-żmien ta' referenza.

35. Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1258/1999, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-avvanzi ta' kull xahar fuq il-provvediment għan-nefqa effettwata mill-aġenziji tal-ħlas akkreditati; dawn l-avvanzi huma mqassma kultant żmien lill-Istat Membru sat-tielet jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara dak li fih ikunu saru l-ispejjeż.

36. Jekk Stat Membru, fit-terminu speċifikat fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000, ma jagħti l-ebda dikjarazzjoni jew jagħti waħda inkompluta mill-informazzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, il-konsegwenza tkun, skont l-Artikolu 16(2) ta' dan ir-regolament, tnaqqis temporanju tal-avvanzi mogħtija taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1258/1999 fuq il-provvediment għan-nefqa ta' kull xahar tal-Istati Membri. Din l-iskema hija strument ta' pressjoni kontinwa fuq l-Istat Membru biex ikun kostrett jirrispetta l-obbligu ta' dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000. Jekk l-Istat Membru jissodisfa l-obbligu tiegħu, it-tnaqqis fuq bażi temporanja jiġi sussegentament imwaqqaf.

37. Hija biss din is-sanzjoni, jiġifieri t-tnaqqis fl-avvanzi mħallsa kull xahar fuq il-provvediment għan-nefqa li tkun saret mill-aġenziji tal-ħlas akkreditati, li hija fuq bażi temporanja taħt l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000; u dan jimplika li titneħħa fil-każ ta' dikjarazzjoni sussegwenti.

38. Fid-deċiżjoni kkontestata f'dan il-każ, il-Kummissjoni, madankollu, ma għamlet l-ebda tnaqqis fl-avvanzi fuq il-provvediment għan-nefqa agrikola tar-Repubblika Ellenika u għalhekk, ma hijiex kwistjoni ta' tnaqqis taħt l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000.

39. Is-suġġett kopert mid-deċiżjoni kkontestata huwa pjuttost differenti.

40. Bid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-allokazzjoni finanzjarja *definittiva* lill-Istati Membri għal ċertu numru ta' ettari għas-sena finanzjarja 2006, taħt l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1493/1999. Din l-allokazzjoni definittiva ma hija bl-ebda mod s-suġġett ta' "tnaqqis fuq bażi temporanja" taħt l-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, b'tali mod li n-natura temporanja tat-tnaqqis previst f'din id-dispożizzjoni ma tippremettix li tiġi dedotta xi konklużjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk dikjarazzjonijiet li waslu wara l-iskadenza tat-terminu tal-Artikolu 16(1), jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-iffissar tal-allokazzjonijiet definittivi. Minn dan jirriżulta li r-Repubblika Ellenika qed tagħmel

użu, fl-argument tagħha, ta' punt ta' referenza żbaljat.

41. L-Artikolu 16(2) tar-Regolament Nru 1227/2000, madankollu, b'mod ċar ma jipprovdix għal tnaqqis temporanju tal-allokazzjonijiet definittivi previsti taħt l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1493/1999. Din id-dispożizzjoni pjuttost tirregola l-aktar tnaqqis b'rata fissa f'kuntest għal kollox differenti: dwar l-avvanzi li għandhom jingħataw lir-Repubblika Ellenika fuq id-dħul tal-kontijiet tan-nefqa agrikola. Minn dan ma jistax jiġi dedott, madankollu, li dikjarazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza tat-terminu jistgħu jew ma jistgħux jiġu kkunsidrati biex jiġu stabbiliti l-allokazzjonijiet finanzjarji definittivi.

42. Jekk tiġi mwarrba din l-idea żbaljata tal-Gvern Grieg, jista' jiġi kkonstatat li l-kuntest ġuridiku tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu IV tar-Regolament Nru 1227/2000 jikkonferma barra minn hekk l-interpretazzjoni inizjalment miksuba mill-kliem tal-Artikolu 16(1), li t-terminu stabbilit fih għandu natura perentorja.

43. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar f'liema kuntest ġuridiku għandu jitpoġġa l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1227/2000. Din hija dispożizzjoni li timplementa r-Regolament Nru 1493/1999 u, b'mod iktar partikolari, l-Artikolu 14 tiegħu. Dan l-aħħar jirregola, fil-kuntest tat-tfassil tal-baġit tal-Komunità, l-għoti ta' finanzjament lill-Istati Membri fil-qasam tar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni tal-oqsma.

44. Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 1493/1999, il-Kummissjoni kull sena tagħti lill-Istati Membri finanzjament inizjali b'mod oġġettiv li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet u l-esiġenzi speċifiċi kif ukoll l-isforzi li għandhom isiru fid-dawl tal-għan tal-iskema. Għas-sena finanzjarja inkwistjoni, dan seħħ permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/716/KE tal-10 ta' Ottubru 2005.

45. L-Artikolu 14 (2) għalhekk jipprovdi li, fit-tieni fażi, l-allokazzjoni tal-bidu tinbidel skont in-nefqa attwali u fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-infiq riveduti kkomunikati mill-Istati Membri, fid-dawl tal-għan tal-iskema u fil-limiti tal-fondi disponibbli. Dan huwa dak li ġara bid-deċiżjoni kkontestata għas-sena finanzjarja 2006, is-sena inkwistjoni.

46. L-obbligu ta' dikjarazzjoni rregolat b'mod dettaljat bl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 huwa intiż għat-tħejjija ta' din l-allokazzjoni finanzjarja definittiva b'mod konformi mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1493/1999.

47. Il-Kummissjoni tirċievi, permezz tad-dikjarazzjoni, neċessarja taħt l-Artikolu 16(1) (a) u (b), tal-ispejjeż attwalment minfuqa u dawk ivverifikati matul is-sena kurrenti, kif ukoll tat-talbiet eventwali għal finanzjament ulterjuri għall-ispejjeż

għas-sena kurrenti flimkien mal-avvanzi previsti fl-Artikolu 14(1), tar-Regolament Nru 1493/1999, il-bażi ta' kalkolu li fuqu hija tistabbilixxi l-allokazzjoni finanzjarja definittiva.

48. Dan bl-ebda mod ma jista' jseħħ biss inizjalment għall-Istati Membri individwali, kif ser jiġi spjegat immedjatament hawn taħt, anki fuq bażi ta' kunsiderazzjonijiet teleoloġiċi.

49. Mill-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 1227/2000, fil-fatt jirriżulta li allokazzjoni finanzjarja lil Stat Membru, li taqbeż l-ammont oriġinarjament allokat taħt l-Artikolu 14(1), hija possibbli biss jekk ikun għad fadal riżorsi disponibbli wara li titnaqqas l-ispiża attwalment minfuqa matul is-sena kurrenti mill-Istati Membri kollha, mit-total tal-ammonti kollha mogħtija taħt l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1493/1999. Peress li l-allokazzjoni definittiva tal-fondi tiddependi fuq il-livell attwali ta' allokazzjoni lill-Istati Membri l-oħra, tibdiliet separati u suċċessivi huma esklużi.

50. Kuntrarjament għall-opinjoni tar-Repubblika Ellenika, lanqas l-Artikolu 17(1) tar-Regolament inkwistjoni ma jista' jintuża biex tiġi kkontestata n-natura perentorja tat-terminu previst fl-Artikolu 16(1).

51. L-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 espressament jieħu d-dikjarazzjonijiet magħmula fit-terminu speċifikat fl-Artikolu 16(1), bħala l-bażi tal-kalkolu tal-allokazzjoni finanazjarja definittiva mill-Kummissjoni. Il-kliem ma joffri, madankollu, l-ebda pretest favur l-affermazzjoni tar-Repubblika Ellenika, li, skont l-Artikolu 17(1), in-nefqa attwali għandha tkun ibbażata fuq spejjeż reali u li rettifiċi magħmula wara l-iskadenza tat-terminu għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

52. Bħala konklużjoni intermedjarja għandu jingħad li interpretazzjoni sistematika tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 tikkonferma l-interpretazzjoni litterali li t-terminu stabbilit għandu natura perentorja.

c) Interpretazzjoni teleoloġika

53. L-osservazzjonijiet preċedenti huma kkonfermati wkoll mill-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000. Skont dan, in-natura perentorja tal-imsemmi terminu biss, tista' effettivament tiggarantixxi l-għan u l-finalità mħaddna mill-Artikoli 16 u 17.

54. Addattament għall-allokazzjoni finanzjarja inizjali fis-sens tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 1493/1999, tal-allokazzjoni finanzjarja definittiva taħt l-Artikolu 14(2), jagħmel sens biss jekk l-effetti ta' dan l-aġġustament xorta jistgħu jiġu realizzati fis-sena finanzjarja kurrenti li tkun waslet biex tispiċċa.

55. L-effett utli ta' din id-dispożizzjoni jeħtieġ li d-deċiżjoni li tistabbilixxi għas-sena finanzjarja l-allokazzjonijiet definittivi għall-Istati Membri tiġi adottata qabel it-tmiem tal-imsemmija sena, jiġifieri qabel il-15 ta' Ottubru, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu l-pagamenti finali relatati mal-ispejjeż iddikjarati skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000, qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja kurrenti u jiksbu r-rimbors mill-Kummissjoni permezz tar-riżorsi baġitarji disponibbli għal dan l-għan, qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja. L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1258/1999, jipprovdi li l-ispejjeż għax-xahar ta' Ottubru jkunu ċċarġjati għal dan ix-xahar biss jekk jintefqu bejn l-1 u l-15, filwaqt li l-ispejjeż suċċessivi jitħallsu fix-xahar ta' Novembru.

56. Mandankollu, sabiex tiġi ddeterminata l-allokazzjoni finanzjarja definittiva skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 1493/1999, jinħtieġ li jkun hemm id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri kollha taħt l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000, kif ukoll l-ipproċessar tagħha fi proċedura kumplessa intiża sabiex jiġu stabbiliti l-allokazzjonijiet finanzjarji definittivi.

57. F'dan il-kuntest hija biss fehma stretta, u għalhekk effettiva tat-terminu previst fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000, tippermetti li jiġi ggarantit li l-allokazzjonijiet, mogħtija inizjalment skont l-Artikolu 14 (1) tar-Regolament Nru 1493/1999, jistgħu jiġu adattati faċilment mill-Kummissjoni abbażi ta' dikjarazzjonijiet reali. Jekk l-Istati Membri xorta jistgħu jippreżentaw jew jirrettifikaw *ad libitum*, wara l-10 ta' Lulju, parti jew l-informazzjoni kollha, għall-finijiet tal-allokazzjoni definittiva, ikun impossibbli għall-Kummissjoni li tipproċedi għall-allokazzjoni definittiva fi żmien utli qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja.

58. Interpretazzjoni teleoloġika, għalhekk, twassal ukoll għall-konklujoni li t-terminu previst fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 huwa wieħed perentorju, b'tali mod li, fil-prinċipju, informazzjoni ppreżentata tard ma tistax titqies waqt l-istabbiliment tal-allokazzjoni definittiva taħt l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1493/1999.

2. Fuq it-tieni aggravju tal-appell

59. Fit-tieni aggravju, ir-Repubblika Ellenika tilmenta l-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx

inkunsiderazzjoni numru ta' prinċipji ġenerali tad-dritt. Skontha, il-Kummissjoni kisret, fil-fatt, kuntrarjament għal dak li qalet il-Qorti Ġenerali, l-obbligu ta' kooperazzjoni leali, il-prinċipji ta' *bona fide*, ta' amministrazzjoni tajba u ta' nondiskriminazzjoni, meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-informazzjoni rettifikata ppreżentata tard mir-Repubblika Ellenika.

60. Il-Qorti Ġenerali ġustament ċaħdet l-eżistenza ta' ksur, mill-Kummissjoni, tal-prinċipji legali msemmija hawn fuq. Billi għamlet hekk, il-Qorti Ġenerali, min-naħa tagħha, lanqas ma kisret dawn il-prinċipji. Għalhekk, ir-Repubblika Ellenika lanqas ma tista' effettivament tibbaża l-appell tagħha fuq it-tieni aggravju tal-appell.

61. F'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, hemm lok li jingħad li dan il-prinċipju japplika, taħt l-Artikolu 10 KE, għar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet. Dan jimplika li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiggarantixxu l-portata u l-effettività tad-dritt Komunitarju u jimponi fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji dmirijiet reċiproċi ta' kooperazzjoni leali mal-Istati Membri [8].

62. Il-Gvern Grieg isostni li l-imsemmija prinċipji ġenerali nkisru minħabba li, minn naħa, fl-opinjoni tiegħu, l-iżball fid-dikjarazzjoni magħmula qabel ma skadew it-termini kien manifest, u għalhekk il-Kummissjoni kien imissha kkonstatat dan l-iżball mingħajr dewmien sabiex issir rettifika immedjata. Id-differenza konsiderevoli bejn l-ettari ddikjarati u l-ettari meħuda bħala bażi mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2005/716/KE [9] tagħha tal-10 ta' Ottubru 2005 dwar l-istabbiliment tal-allokazzjoni finanzjarji indikattivi, kellha twassal biex il-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali.

63. Iżda dan l-argument ma huwiex konvinċenti. Id-dikjarazzjoni magħmula qabel l-iskadenza tat-terminu ma kellha l-ebda żball manifest li kellu jiġbed immedjatament l-attenzjoni tal-Kummissjoni. Id-differenza biss bejn l-informazzjoni ddikjarata u dik li fuqha ġiet ibbażata l-allokazzjoni finanzjarja inizjali skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 1493/1999 ma hijiex biżżejjed sabiex b'xi mod turi żball fit-twassil tal-informazzjoni. Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni tan-natura manifest tal-iżball hija kwistjoni ta' fatt li ma tistax tiġi kkontestata f'appell. Ir-Repubblika Ellenika, f'dan ir-rigward, ma invokat l-ebda żnaturament tal-provi.

64. Huwa diġà inerenti fin-natura stess tal-allokazzjoni *inizjali* l-fatt li l-infiq hekk stabbilit

8 — Id-Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1990, Zwartfeld *et*, (C-2/88, IMM, Ġabra p. I-3365, punt 17); is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2002, First u Franex, (C-275/00, Ġabra p. I-10943, punt 49); is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ottubru 2003, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, (C-339/00, Ġabra p. I-11757, punt 71).

9 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2005, li tistabbilixxi allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-Istati Membri, għal numru speċifiku ta' ettari, għar-ristrutturazzjoni u l-konverżjoni tal-oqsma tad-dwieli skont ir-Regolament Nru 1493/1999, għas-sena tas-suq 2005/2006 (ĠU L 271, p. 45).

jista' ma jkunx effettivament indispensabbli. Għal din ir-raġuni biss id-differenzi ma għandhomx, fil-prinċipju, inisslu dubju dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ, din il-kunsiderazzjoni ġenerali hija kkonfermata wkoll mill-Artikolu 17(4) tar-Regolament Nru 1227/2000, li jipprovdi għal sanzjoni fil-każ fejn iż-żona totali ddikjarata hija iżgħar minn dik li fuqha hija bbażata l- allokazzjoni inizjali. Din id-dispożizzjoni tipprevedi espressament il-possibbiltà ta' differenzi sinjifikattivi bejn l-informazzjoni ddikjarata minn Stat Membru u dik inizjalment mogħtija.

65. Il-Kummissjoni għalhekk ma kellha l-ebda raġuni, mal-wasla tad-dikjarazzjoni magħmula qabel l-iskadenza tat-terminu, li tqis li kien hemm żball fl-informazzjoni mogħtija u li tinforma lill-appellanti dwaru.

66. Il-Gvern Grieg isostni, min-naħa l-oħra, li kien hemm ksur tal-prinċipji ġenerali msemmija iktar 'il fuq minħabba l-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni rettifikata mogħtija lilha iktar minn xahrejn wara l-iskadenza tat-terminu, għalkemm, skont l-Gvern Grieg, dan seta' kien għadu possibbli fit-tliet ġimgħat li kien fadal qabel id-data ta' referenza għall-fini tal-adozzjoni tad-deċiżjoni appellata.

67. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja hija ovvjament marbuta mal-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Anki fuq dan il-punt, ir-Repubblika Ellenika ma invokat l-ebda żnaturament tal-provi.

68. Il-Qorti Ġenerali tirrileva espressament, kif intqal fil-punti 32 u 59 tas-sentenza appellata, li qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata diġà ma kienx aktar possibbli għall-Kummissjoni li teżamina effettivament l-informazzjoni rettifikata. Jekk, madankollu, minn naħa waħda d-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni ma tistax tiġi posposta *ad libitum*, kif innotat hawn fuq, u jekk, min-naħa l-oħra, iż-żmien li baqa' sad-data ta' adozzjoni prevista u diġà mdewma, ma huwiex biżżejjed biex tittieħed inkunsiderazzjoni ulterjorment informazzjoni sussegwentement iddikjarata, dan in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni bl-ebda mod ma jikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali.

69. Huwa barra min hekk manifest li proċedura kumplessa li permezz tagħha l-leġiżlatur jagħti lill-Kummissjoni perijodu ta' madwar 3 xhur billi stabbilixxa t-terminu għall-għoti ta' dikjarazzjonijiet għall-10 ta' Lulju ma tistax isir fi ftit jiem. Dan huwa partikolarment il-każ meta d-deċiżjoni fuq l-allokazzjoni finanzjarja definittiva, minħabba l-interdipendenzi li jirriultaw mill-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 1227/2000, tista' tittieħed biss fl-istess żmien għall-Istati Membri kollha.

70. Fl-aħħar nett, fis-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali lanqas ma injorat il-portata tal-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali.

71. Il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali, inkwantu prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux trattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux trattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat [10].

72. Il-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali ma jirrikjedix, għalhekk, li dikjarazzjoni mibgħuta xahrejn wara l-iskadenza tat-terminu għandha tittieħed inkunsiderazzjoni bl-istess mod bħal dikjarazzjoni mibgħuta ftit ġranet wara l-iskadenza. Fil-fatt, fil-kuntest ta' perijodu ta' deċiżjoni ta' madwar 3 xhur li tiddisponi minnu l-Kummissjoni, dikjarazzjoni li hija ftit ġranet tard u dikjarazzjoni li hija iktar minn xahrejn tard lanqas ma huma sitwazzjonijiet komparabbli.

3. Fuq it-tielet aggravju tal-appell

73. Permezz tat-tielet aggravju, ir-Repubblika Ellenika ssostni li s-sentenza appellata hija intrinsikament kontradittorja u għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata valida. Skontha, il-Qorti Ġenerali tikkontradixxi hi stess il-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-punti 25, 26 u 43 tas-sentenza appellata, fejn hi tikkwalifika t-terminu taħt l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000 bħala perentorju, billi tikkonstata, fil-punt 59, li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' informazzjoni mibgħuta ftit tard ma huwiex kompletament eskluż.

74. Il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali hijiex kontradittorja jew insuffiċjenti tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt li tista', bħala tali, tiġi invokata fil-kuntest ta' appell [11].

75. Anki t-tielet aggravju tal-appell ma huwiex daqstant konvinċenti, minħabba li, kuntrarjament għall-opinjoni tal-appellanti, l-evalwazzjoni ġuridika tas-sentenza appellata ma hijiex kontradittorja. Għalkemm, fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tqis — minkejja l-konstatazzjoni li t-terminu kkontestat huwa perentorju — li teħid inkusiderazzjoni ta' informazzjoni mibgħuta tard ma huwiex "totalment eskluż", hija tafferma fl-istess ħin li din l-eċċezzjoni hija possibbli biss f'każijiet ta' skadenzi qosra tat-terminu, izda mhux għal dak daqshekk gravi bħal dak f'dan il-każ.

76. Fis-sentenza appellata il-Qorti Ġenerali tispjega b'mod dettaljat għaliex huma proprju il-kunsiderazzjonijiet b'mod partikolari teleoloġiċi li jistabbilixxu n-natura perentorja tat-terminu previst fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1227/2000. Il-Kummissjoni għandha, fil-fatt, ikollha għad-dispożizzjoni tagħha żmien biżżejjed għad-deċiżjoni tagħha dwar l-allokazzjoni definittiva li għandha tkun

10 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2006, Franz Egenberger, (C-313/04, Ġabra p. I-6331, punt 33).

11 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, (C-403/04 P u C-405/04, Ġabra p. I-729, punt 77, u l-ġurisprudenza ċċitata).

neċessarjament adottata qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja, jiġifieri fil-15 ta' Ottubru.

VI — Spejjeż

77. Għalhekk fejn il-Qorti Ġenerali tqis bħala possibbli t-teħid inkunsiderazzjoni ta' dikjarazzjonijiet li huma ftit tard, bil-kundizzjoni li dawn ma jipprekludux l-adozzjoni tad-deċiżjoni fi żmien utli, ir-raġunament tagħha huwa koerenti. Ma hemm xejn illoġiku f'dan.

79. Skont l-Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż meta appell jiġi miċħud. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(2) flimkien mal-Artikolu 118 tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż.

4. Sommarju

78. Peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma fl-appell tar-Repubblika Ellenika ma huwa rilevanti, dan l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

80. Billi l-Kummissjoni talbet l-ispejjeż u l-appellanti kienet telliefa, din tal-aħħar għandha tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż.

VII — Konklużjoni

81. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej:

"1) L-appell għandu jiġi miċħud.

2) Ir-Repubblika Ellenika għandha tbati l-ispejjeż."